**36. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari, l-Onor. Anton Buttigieg, jipproponi:**

Billi skond l-artikolu 6 tal-istatut tal-Kunsill tal-Ewropa l-Kumitat tal-Ministri kien stabbilixxa illi l-Membri li jirrappreżentaw Malta fuq l-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill għandhom ikunu tlieta u li kull Membru jista' jkollu wieħed li jissostitwih;

u Billi skond l-artikolu 25 tal-istess statut ir-rappreżentanti u s-sostituti tagħhom għandhom jiġu nominati mill-Parlament tagħhom jew kif il-Parlament jiddeċiedi.

Huwa għalhekk riżolut illi

L-Onor. Dr J. Brincat, B.A. (Lond.), B.Sc. (Econ.) (Lond.), LL.D., M. P.
L-Onor. Dr Ph. Muscat, M.D., B.Sc., B.Pharm., M.P.
L-Onor. Dr G. DeMarco B.A., LL.D., M.P.

jiġu nominati rappreżentanti ta' Malta fuq il-Kunsill tal-Ewropa, u li

L-Onor. Dr D. Micallef, B. Phar.m., M.D., M.P.
L-Onor. Mr P. Carachi, M.P.
L-Onor. Dr A. Borg Olivier De Puget LL.D., M.P.

jiġu nominati sostituti rispettivament għall-Membri fuq imsemmija.

Huwa riżolut ukoll illi l-perijodu tan-nomina ta' rappreżentant jgħodd mid-data tal-apertura tas-sessjoni ordinarja li tiġi wara, kif stabbilit fl-artikolu 25, tal-istatut, u li rappreżentant iżomm din il-kariga sakemm ikun Membru tal-Parlament jew sakemm in-nomina tiegħu ma tkunx irtirata permezz ta' riżoluzzjoni oħra ta' din il-Kamra.

**29.09.1971**